MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 739/2006

**SMS Insurance Agency Limited**

**vs**

**Daniela Debattista**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-4 ta' Awissu 2006 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' seba' mija u sitt liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm706.84) rapprezentanti hlas li s-socjeta assikuratrici tal-konvenuta giet kostretta taghmel wara sentenza ta' dan it-Tribunal tas- 26 ta' Marzu 2004 fl-ismijiet Mario Magro vs Jason Grima (Avviz Numru 2057/2003) liema hlas is-socjeta attrici ghandha il jedd li tirkupra minghand il-konvenuta minhabba ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza da parti taghha, bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet notifikat b'l-avviz fit-18 ta' Awissu 2006 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas s-somma ta' seba' mija u sitt liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm706.84) bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------